

Brussell, 3 ta' Ottubru 2023
(OR. en)

13307/23

SOC 635
EMPL 454
ECOFIN 916
EDUC 365

NOTA

minn:	Il-Kumitat tal-Impjiegi
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Messaġġi ewlenin mill-Kumitat tal-Impjiegi bbażati fuq ir-Rapport Annwali dwar il-Prestazzjoni fil-Qasam tal-Impjiegi u l-Monitoraġġ tal-Prestazzjoni fil-Qasam tal-Impjiegi – Approvazzjoni

Id-delegazzjonijiet isibu meħmużin il-messaġġi ewlenin mill-Kumitat tal-Impjiegi (EMCO) bbażati fuq ir-Rapport Annwali dwar il-Prestazzjoni fil-Qasam tal-Impjiegi (AEPR) u l-Monitoraġġ tal-Prestazzjoni fil-Qasam tal-Impjiegi (MPI), bil-ħsieb tal-approvazzjoni tagħhom mill-Kunsill (EPSCO) fid-9 ta' Ottubru 2023.

L-AEPR sħiħ jinsab fid-dokument 13307/23 ADD 1.

Il-MPI sħiħ jinsab fid-dokument 13307/23 ADD 2.

Messaġġi ewlenin mill-Kumitat tal-Impjiegi (EMCO) bbażati fuq ir-Rapport Annwali dwar il-Prestazzjoni fil-Qasam tal-Impjiegi tal-2023 u l-Monitoraġġ tal-Prestazzjoni fil-Qasam tal-Impjiegi

1. F'konformità mal-mandat tiegħu skont l-Artikolu 150 TFUE, il-Kumitat tal-Impjiegi pproduċa rieżami annwali tas-sitwazzjoni tal-impjiegi fl-UE għall-Kunsill. Dan ir-rieżami jibni fuq il-Monitoraġġ tal-Prestazzjoni fil-Qasam tal-Impjiegi (MPI¹) li jimmonitorja l-progress lejn il-miri għall-2030, u jidentifika mad-daqqa t'għajjn l-isfidi ewlenin fil-qasam tal-impjiegi u eżiti tajbin tas-suq tax-xogħol madwar l-UE u f'kull Stat Membru.
2. Is-sejbiet ewlenin tal-MPI ta' din is-sena, li ntlaħaq qbil dwaru lejn l-aħħar ta' Mejju fil-Grupp ta' Indikaturi tal-EMCO, huma miġbura fil-qosor fir-Rapport Annwali tal-2023 dwar il-Prestazzjoni fil-Qasam tal-Impjiegi. Dawn jikkomplementaw il-konklużjonijiet tas-sorveljanza multilaterali tal-Kumitat tal-Impjiegi fuq l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż (CSRs) tal-Kunsill u rakkomandazzjonijiet oħra tal-Kunsill fil-qafas tas-Semestru Ewropew.
3. Għat-tieni sena konsekuttiva, kemm l-MPI kif ukoll ir-Rapport Annwali dwar il-Prestazzjoni fil-Qasam tal-Impjiegi jinkorporaw l-miri ewlenin tal-UE għall-2030 dwar l-impjiegi u t-tagħlim għall-adulti proposti mill-Kummissjoni Ewropea fil-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u li ntlagħu tajjeb mill-Mexxejja tal-UE fis-Summit Soċjali ta' Porto f'Mejju 2021 u mill-Kunsill Ewropew ta' Ġunju 2021, kif ukoll il-miri nazzjonali relatati stabbiliti mill-Istati Membri, u ppreżentati fil-Kunsill EPSCO ta' Ġunju 2022.

¹ L-MPI jibni fuq is-sejbiet tal-Qafas għall-Evalwazzjoni Konġunta (QEK). Il-QEK huwa għodda ta' valutazzjoni bbażata fuq indikaturi, żviluppat b'mod konġunt mill-Kumitat tal-Impjiegi, il-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali (KPS) u l-Kummissjoni, li jkopri l-oqsma ta' politika ġenerali u speċifiċi skont il-Linji Gwida dwar l-Impjiegi u għandu l-għan li jidentifika l-isfidi ewlenin u r-riżultati tajba fis-suq tax-xogħol f'dawn l-oqsma u jappoġġa lill-Istati Membri biex jistabbilixxu l-prijoritajiet tagħhom.

4. Barra minn hekk, l-analiżi ppreżentata fir-Rapport Annwali ta' din is-sena dwar il-Prestazzjoni fil-Qasam tal-Impjiegi tintegra aspett li jħares 'il quddiem mat-tkabbir annwali minimu fl-impjiegi meħtieġ fil-livell tal-UE u dak nazzjonali biex jintlaħqu l-miri rispettivi tar-rata ta' impjeg sal-2030 u turi wkoll il-potenzjal ta' gruppi speċifiċi tal-popolazzjoni biex jikkontribwixxu għall-progress lejn il-mira tar-rata ta' impjeg.
5. Minkejja li qed tiffaċċa sfidi serji, bħall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, il-kriżi tal-enerġija u l-pressjonijiet inflazzjonarji, l-ekonomija tal-UE marret relattivament tajjeb fl-2022 u s-suq tax-xogħol baqa' reżiljenti, bir-rati tal-impjeg u tal-qgħad jilħqu livelli rekord ġodda.
6. B'mod aktar preċiż, ir-rata ta' impjeg tal-UE-27 għall-persuni ta' bejn l-20 u l-64 sena kompliet titjeb fl-2022 għal 74.6 % (żieda ta' 1.5 pp meta mqabbla mal-2021), li hija l-ogħla rata mill-bidu tas-serje kronoloġika fl-2009. Fl-2022, fil-livell tal-UE ġew irreġistrati żidiet fir-rata ta' impjeg għall-gruppi ta' età ewlenin kollha (il-ħaddiema żgħażaġh, dawk ta' età lavorattiva primarja u dawk akbar fl-età). Barra minn hekk, fl-Istati Membri kollha r-rata ta' impjeg għall-persuni ta' bejn l-20 u l-64 sena rreġistrat titjeb fl-2022 meta mqabbla mal-2021 u fi kważi l-Istati Membri kollha tal-UE r-rata ta' impjeg (20-64) fl-2022 qabżet il-livell ta' qabel il-pandemija (2019). Ir-rata ta' attività tal-UE (għal persuni ta' bejn l-20 u l-64 sena) kompliet titjeb fl-2022. Din laħqet 79.4 %, żieda ta' punt perċentwali meta mqabbla mal-2021, bin-nisa jikkontribwixxu aktar għal dan l-iżvilupp.
7. Bħala medja fl-UE, ir-rata tal-qgħad għall-persuni li għandhom aktar minn 15-il sena naqset b'0.9 pp għal 6.2 % fl-2022, meta mqabbla mal-2021, bi tnaqqis irreġistrat kważi fl-Istati Membri kollha fl-2022. Barra minn hekk, ir-rata tal-qgħad fit-tul tal-UE-27 irreġistrat ukoll tnaqqis fl-2022.

8. Ir-rata tal-qgħad fost iż-żgħażaġħ tal-UE (15-24 sena) naqset fl-2022 meta mqabbla ma' sena ilu, madankollu hija aktar minn darbtejn oġhla mir-rata ġenerali tal-qgħad, li tindika sfiċa ewlenija f'dan ir-rigward u l-ħtieġa kontinwa għall-implimentazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ imsaħħa. Barra minn hekk, ir-rata ta' persuni ta' bejn il-15 u d-29 sena li la għandhom impjieg u lanqas edukazzjoni u taħriġ (NEET) fl-UE naqset b'1.4 pp fl-2022 għal 11.7 %. B'żieda ma' dan, id-differenza bejn il-ġeneri fl-impjieg tal-UE-27, jiġifieri d-differenza bejn ir-rata ta' impjieg tal-irġiel u n-nisa ta' bejn l-20 u l-64 sena, għalkemm naqset bi ftit fl-2022, għal 10.7 pp minn 10.9 pp fl-2021, għadha flivelli għoljin. Għalhekk, huwa meħtieġ progress sinifikanti f'dawn iż-żewġ oqsma. Skont il-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, sabiex tinkiseb il-mira ewlenija tar-rata ta' impjieg ta' 78 % sal-2030, l-Ewropa trid tistinka biex tnaqqas mill-inqas bin-nofs id-differenza bejn il-ġeneri fl-impjieg meta mqabbla mal-2019 u tnaqqas ir-rata ta' NEET taż-żgħażaġħ ta' bejn il-15 u d-29 sena minn 12.6 % (2019) għal 9.0 % sal-2030 (li jammonta għal tnaqqis ta' 3.6 pp), jiġifieri billi ttejjeb il-prospetti ta' impjieg tagħhom.
9. B'ħarsa 'l quddiem, waħda mill-konklużjonijiet ewlenin tat-Tbassir Ekonomiku tar-Rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni hija li suq tax-xogħol li ser jibqa' riġidu, iż-żamma preventiva ta' ħaddiema minħabba nuqqas ta' ħiliet kif ukoll domanda qawwija, speċjalment għas-servizzi, huma mistennija li jtaffu l-impatt tat-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku fuq is-suq tax-xogħol. F'dan il-qafas, it-tkabbir fl-impjieg huwa mbassar għal 0.5 % fl-UE din is-sena. Fl-2024, l-impjieg huma mistennija li jkomplu jikbru b'mod moderat (0.4 %), li jimplika tkabbir li johlqoq inqas impjieg milli fl-2022. Ir-rata tal-qgħad mistennija li tibqa' qrib il-livell baxx storiku tagħha, ta' 6.2 % fl-UE fl-2023, qabel ma tinżel għal 6.1 % fl-2024.

10. Speċifikament fir-rigward tal-mira tar-rata ewlenija tal-impjieg sal-2030, kundizzjonijiet b'saħħithom tas-suq tax-xogħol fl-2022 ikkontribwew b'mod importanti lejn il-kisba ta' progress lejn il-mira ta' 78 % sal-2030. L-ilħuq tal-mira issa jeħtieġ żieda medja ta' 3.4 pp sal-2030 fil-livell tal-UE, madankollu, tmien Stati Membri għandhom l-għan li jżidu r-rati tal-impjieg tagħhom b'aktar minn dan l-ammont biex jilhqqu l-miri nazzjonali tagħhom. Abbażi tal-aħħar data annwali disponibbli tal-LFS dwar ir-rata ta' impjieg (persuni ta' bejn l-20 u l-64 sena), ħames Stati Membri qabżu l-miri nazzjonali tagħhom fl-2022 u wieħed laħaq il-miri tiegħu stess. Barra minn hekk, ir-rata ta' impjieg fl-2022 kienet diġà oġhla mill-mira ewlenija tal-UE ta' 78 % fi ħdax-il Stat Membru (minn tmien Stati Membri sena ilu).

11. Meta t-tkabbir annwali reċenti (tal-2022) fl-impjiegi fl-Istati Membri jitqabbel mat-tkabbir annwali medju fl-impjiegi matul il-perjodu 2013-2019 (ta' qabel il-COVID) u mat-tkabbir minimu (annwali) fl-impjiegi meħtieġ għal kull Stat Membru biex tintlaħaq il-mira tar-rata nazzjonali ta' impjieg, jista' jiġi konkluż li fl-2022 il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri kisbu tkabbir fl-impjiegi oġhla mir-rati medji rispettivi ta' qabel il-COVID u li, minħabba t-tnaqqis fil-popolazzjoni, il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri jkunu jeħtieġu tkabbir annwali minimu tal-impjiegi aktar baxx milli fil-perjodu ta' qabel il-kriżi biex jilhqqu l-miri nazzjonali tagħhom.

12. Fil-qafas tal-analiżi u l-monitoraġġ tal-progress lejn il-mira tar-rata ta' impjieg għall-2030, huwa utli li tiġi eżaminata wkoll il-prestazzjoni ta' gruppi differenti tal-popolazzjoni (pereżempju l-ħaddiema żgħażaġh, dawk ta' età lavorattiva primarja u dawk akbar fl-età) u li jiġu identifikati dawk bi prestazzjoni aktar baxxa mill-medja. Jekk il-potenzjal għal kull Stat Membru u għal kull sottogrupp jittieħed kif indikat mid-differenza bejn ir-rata ta' impjieg speċifika u r-rata ta' impjieg medja rispettiva tal-UE (jew il-medja tal-ogħla tliet rati ta' impjieg fl-UE għal dak il-grupp tal-popolazzjoni), allura huwa mistenni gwadann ipotetiku minn żieda fir-rati tal-impjieg fost il-gruppi speċifiċi. Dan japplika b'mod partikolari għal dawk b'ħiliet baxxi (nisa u rġiel) għal għadd sinifikanti ta' Stati Membri tal-UE.
13. Fi stadju aktar tard il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Indikaturi tal-EMCO ser jiddiskuti wkoll l-approċċ metodoloġiku dwar il-monitoraġġ tal-progress lejn il-mira ewlenija tat-tagħlim għall-adulti u l-miri nazzjonali għall-2030, b'kont meħud tal-bidla tas-sors tad-data mill-Istħarriġ dwar l-Edukazzjoni għall-Adulti (AES) għall-Istħarriġ dwar il-Forza tax-Xogħol (LFS) fl-2022.
14. F'termini ta' prijoritajiet tematiċi għall-Istati Membri, l-interpretazzjoni tal-MPI tal-2023 tindika għadd ta' sfidi ewlenin fil-qasam tal-impjieg (KECs). Fil-qasam tal-ħiliet u t-tagħlim tul il-ħajja, dawn huma prinċipalment relatati ma' nuqqas ta' tlaqqiġ tal-ħiliet u parteċipazzjoni baxxa fit-taħriġ. Is-Sena Ewropea tal-Ħiliet mistennija tagħti impetu ġdid għat-tagħlim tul il-ħajja, filwaqt li tagħti s-setgħa lin-nies u lill-kumpaniji biex jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali, filwaqt li tappoġġa l-innovazzjoni u l-kompetittività. Fir-rigward tas-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ, l-isfidi ewlenin huma d-dipendenza tal-eżiti edukattivi fuq il-kuntast soċjoekonomiku, il-kisba baxxa ta' ħiliet bażiċi kif ukoll ta' edukazzjoni terzjarja, l-inċidenza tat-tluq bikri mill-iskola, u l-attrawenza baxxa tal-professjoni tat-tagħlim.

15. L-isfidi huma identifikati wkoll fil-qasam tal-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol, inkluż għal gruppi speċifiċi, bħall-ħaddiema akbar fl-età, iż-żgħażaġh, in-nisa, il-ħaddiema b'livell baxx ta' ħiliet u n-nazzjonali mhux tal-UE. Xi pajjiżi juru sfidi relatati mal-funzjonament tal-benefiċċji tal-qgħad u/jew l-impatt tas-sistemi tat-taxxa u tal-benefiċċji fuq il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol (pereżempju, nases tal-pagi baxxi, nases tal-qgħad). Fil-qasam tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, tħassib ewlieni huwa l-persistenza tad-differenzi bejn il-ġeneri fl-impjiegi, filwaqt li fil-qasam tal-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, il-forniment u l-użu ta' servizzi ta' indukrar u l-impatt tar-responsabbiltajiet tal-ġenituri fuq il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol huma kwistjonijiet ewlenin. Is-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol tibqa' wkoll ta' tħassib għal xi Stati Membri, filwaqt li jiġu identifikati aktar sfidi fil-qasam tal-Politiki Attivi tas-Suq tax-Xogħol (ALMPs) u l-funzjonament tas-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi (PES).
16. L-analiżi tidentifika wkoll "xejriet reċenti pożittivi" komuni tal-UE u "xejriet negattivi li għandhom jiġu osservati". B'mod partikolari, l-MPI jenfasizza għadd ta' żviluppi pożittivi għall-perjodu 2021-2022: żieda fir-rata ta' impjieg ta' persuni ta' bejn l-20 u l-64 sena fl-Istati membri kollha; żieda fl-impjiegi totali f'25 Stat Membru; żieda fir-rata ta' impjieg ta' ħaddiema akbar fl-età f'24 Stat Membru; tnaqqis fir-rata ta' NEET għal persuni ta' bejn il-15 u d-29 sena fi 19-il Stat Membru; żieda fil-parteċipazzjoni fit-tagħlim tul il-ħajja (perċentwal tal-popolazzjoni adulta ta' bejn il-25 u l-64 sena li pparteċipat fl-edukazzjoni u t-taħriġ matul l-aħħar erba' ġimgħat) fi 15-il pajjiż. Xi wħud minn dawn ix-xejriet annwali huma kkonfermati mill-analiżi ta' żviluppi aktar fit-tul fuq tliet snin. Madankollu, l-MPI jidentifika wkoll għadd ta' xejriet negattivi għall-perjodu 2021-2022: deterjorament fil-kost nominali ta' unità lavorattiva f'21 Stat Membru u inċidenza għolja ta' inattività u fix-xogħol part-time minħabba responsabbiltajiet personali u tal-familja fi 13-il Stat Membru.
17. Il-ħidma reċenti ta' sorveljanza multilaterali tal-EMCO tindika li l-Istati Membri wettqu riformi fl-oqsma kollha ta' politika identifikati mill-MPI bħala oqsma ta' prijorità, iżda għad fadal xi sfidi, kif enfasizzat ukoll mir-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż tal-2023.

18. L-Istati Membri introduċew jew qed jippjanaw li jintroduċu politiki ta' titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid bl-għan li jindirizzaw in-nuqqas dejjem akbar ta' ħiliet f'setturi b'domanda għolja (bħall-kura tas-saħħa), jindirizzaw l-ispariġġ fil-ħiliet, u jadattaw il-ħiliet tal-forza tax-xogħol għad-dinja tax-xogħol li qed tinbidel, inkluż bl-appoġġ tar-riżorsi disponibbli mill-FSE+ u min-NextGenerationEU. F'kuntest ta' swieq tax-xogħol ristretti u qgħad baxx, l-Istati Membri qed jintroduċu dejjem aktar miżuri ta' taħriġ li primarjament jimmiraw lejn dawk l-aktar vulnerabbli, li l-potenzjal tagħhom għadu mhux sfruttat. Qed isiru sforzi biex is-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi (PES) jagħtu servizzi aħjar u jtejbu l-kapaċità tagħhom, inkluż permezz ta' għodod diġitali u mtejba għat-tbassir tas-suq tax-xogħol u tal-ħiliet. Barra minn hekk, l-Istati Membri qed iżidu l-isforzi tagħhom biex itejbu l-ħiliet tal-għalliema, b'mod partikolari l-ħiliet diġitali tagħhom, u jżidu l-attraenza tal-professjoni tat-tagħlim.
19. Is-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol madwar l-Istati Membri tkompli taffettwa lil ċerti gruppi, b'mod partikolari ż-żgħażaġh, in-nisa, il-migranti u l-persuni b'livell baxx ta' ħiliet. F'ċerti każijiet, l-impjieg part-time involontarju għadu għoli, filwaqt li r-rati ta' tranżizzjoni minn kuntratti temporanji għal kuntratti permanenti huma baxxi. Matul l-2022, ħafna Stati Membri komplew bl-isforzi tagħhom biex jippromwovu kuntratti indefiniti bħala l-arranġament ta' ħidma tipiku. L-indirizzar tal-abbużi fl-użu ta' forom atipiċi ta' xogħol u impjieg indipendenti u l-indirizzar tax-xogħol mhux iddikjarat jibqgħu prijorità fl-aġenda politika ta' ħafna Stati Membri. Barra minn hekk, ix-xogħol fuq il-pjattaformi sar aktar rilevanti, u kkontribwixxa għall-ħolqien tax-xogħol, iżda jippreżenta wkoll sfidi għal kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti.

20. Fir-rigward tat-tassazzjoni fuq ix-xogħol, minħabba ż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija u tal-ikel, fl-2022 ħafna Stati Membri introduċew miżuri biex itaffu l-impatt tal-inflazzjoni fuq l-introjtu tal-unitajiet domestiċi u tal-ħaddiema. Ġie rreġistrat ukoll progress f'ħafna Stati Membri fl-ekoloġizzazzjoni tas-sistema tat-taxxa u biex din issir aktar ta' appoġġ għat-tkabbir sostenibbli. Madankollu, biex jiġi appoġġat it-tkabbir inklużiv, għad hemm lok sinifikanti f'ħafna Stati Membri għaċ-ċaqliq tat-tassazzjoni lil hinn mix-xogħol u għal titjib tas-sistemi tagħhom tat-taxxa u l-benefiċċji. Rati tat-taxxa marġinali mfassla tajjeb jistgħu jinkoraġġixxu l-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol, speċjalment għal dawk li għandhom it-tieni sors ta' dħul, u jżidu s-siġħat tax-xogħol. Barra minn hekk, il-porzjon tat-taxxa fuq il-ħaddiema b'paga baxxa għadu għoli f'ħafna Stati Membri.
21. Ir-responsabbiltajiet ta' kura, inkluż għal persuni li jeħtieġu kura fit-tul u għat-tfal, jibqgħu wieħed mill-fatturi ewlenin li jxekklu l-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol u l-impjieg full-time f'ħafna Stati Membri, b'hekk madwar 7.7 miljun mara jinżammu barra mis-suq tax-xogħol. Madankollu, ġie osservat progress b'mod ġenerali fl-għoti ta' aċċess għal edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal affordabbli u ta' kwalità tajba, b'mod partikolari billi tiġi estiża l-provvista ta' postijiet disponibbli u jiġu appoġġati l-familji b'introjtu baxx fl-aċċess għas-servizzi. F'xi każijiet, il-parteċipazzjoni fl-Edukazzjoni u Kura Bikrija tat-Tfal (ECEC) żdiedet billi tbaxxiet l-età għall-edukazzjoni obbligatorja. Minkejja l-isforzi li saru, għad fadal sfidi sostanzjali fit-titjib tal-aċċess għat-tfal li ġejjin minn kuntest soċjoekonomiku fqir u fit-tfassil tal-ECEC għall-ħtiġijiet tat-tfal b'diżabbiltà jew li jeħtieġu kura speċjali.

22. L-analiżi tal-EMCO dwar id-djalogu soċjali enfasizza li, fl-Istati Membri kważi kollha, il-qafas istituzzjonali għad-djalogu soċjali huwa aktar minn adegwat. Madankollu, jibqa' mill-aktar importanti li jiġi evitat involviment sempliċiment formalistiku tas-sħab soċjali u li jiġi żgurat proċess ta' konsultazzjoni f'waqt u sinifikanti matul il-proċess kollu tat-tfassil tal-politika. Il-kwalità tal-konsultazzjonijiet tista' titjeb ukoll meta tkun sostnuta minn sejbiet ibbażati fuq l-evidenza u valutazzjonijiet tal-impatt ex ante tal-leġiżlazzjoni proposta.
23. Rigward il-Pakkett tar-Rebbiegħa tal-2023 adottat mill-Kummissjoni fl-24 ta' Mejju, l-EMCO nnota fl-opinjoni orizzontali konġunta mal-KPS dwar is-Semestru Ewropew 2023 għall-Kunsill EPSCO ta' Ġunju 2023 li l-għadd ta' CSRs fl-oqsma fil-kompetenza tal-EPSCO baqa' aktar limitat milli fiċ-ċikli tas-Semestru ta' qabel l-introduzzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF). Huwa ħa nota wkoll tal-għadd relattivament oġhla ta' CSRs "orizzontali" proposti għall-Istati Membri kollha, filwaqt li enfasizza l-ħtieġa li tiġi ppreservata n-natura speċifika għall-pajjiż tas-CSRs.
24. Fl-opinjoni tagħhom, l-EMCO u l-KPS appellaw biex tiġi stabbilita koordinazzjoni aktar mill-qrib bejn il-politiki ekonomiċi, fiskali, tal-impjiegi u soċjali², minħabba l-firxa wiesgħa ta' riskji soċjoekonomiċi attwali u sfidi ta' politika influwenzati mill-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna u bil-ħsieb li jiġu żgurati t-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali ġusti u tkabbir sostenibbli u inklużiv. F'dan il-kuntest, it-tiħni tar-rwol tal-EPSCO u l-Kumitati tiegħu fis-Semestru Ewropew jibqa' prijorità ewlenija, filwaqt li tiġi rikonoxxuta l-ħtieġa li jitkomplew l-isforzi biex jiġu modernizzati l-għodod ta' monitoraġġ tal-Kumitati, jinżamm il-fokus eżistenti tas-Semestru f'konformità mat-Trattat, u jiġu evitati riskji ta' piż amministrattiv.

² F'konformità mal-kompetenzi rispettivi bbażati fuq it-Trattati u l-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità.

25. Bi tweġiba għal din is-sejħa, kif ukoll għal sejħa li kienet saret mill-Kunsill EPSCO f'Marzu 2022³, il-Grupp ta' Indikaturi beda r-riflessjoni dwar l-għodod ta' monitoraġġ u rappurtar tal-EMCO bl-għan li l-għodod ikunu aktar adatti għall-iskop tagħhom. L-ewwel stadju ta' dan l-eżerċizzju, li għaddej bħalissa, jinvolvi r-rieżami tal-Qafas għall-Evalwazzjoni Konġunta bħala l-linja bażi għall-għodod l-oħra kollha.
26. Is-Semestru Ewropew jibqa' għodda ta' koordinazzjoni effettiva biex jitrawmu t-tkabbir ekonomiku sostenibbli u inklużiv, il-kompetittività, l-impjiegi, u l-protezzjoni soċjali u l-inklużjoni soċjali adegwati. Iċ-ċiklu tas-Semestru Ewropew tal-2024 jenħtieġ li jkompli jindirizza l-isfidi attwali u futuri tas-suq tax-xogħol b'perspettiva ġeopolitika u ekonomika globali inċerta, inkluż fir-rigward tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna kif ukoll avvenimenti relatati mat-taqlib fil-klima. Iċ-ċiklu tas-Semestru li jmiss għandu jkompli jappoġġa wkoll it-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali u jindirizza l-impatt tat-tibdil demografiku fuq is-suq tax-xogħol. Kif jindika l-MPI, sabiex jintlaħqu l-miri ewlenin tal-UE tal-2030 u l-miri nazzjonali, għandhom jiġu indirizzati l-isfidi strutturali fl-oqsma tal-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol u l-politiki attivi tas-suq tax-xogħol, l-educazzjoni u t-taħriġ, il-ħiliet u t-tagħlim tul il-ħajja, il-funzjonament tas-sistemi tat-taxxa/benefiċċji, l-ugwaljanza bejn l-ġeneri u l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata kif ukoll is-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol.

³ Ara d-dokument tal-Kunsill 6933/22.